

**Brussell, 23 ta' Marzu 2022
(OR. en)**

7526/22

**PECHE 94
DELECT 51**

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	23 ta' Marzu 2022
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2022) 1698 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' 23.3.2022 li jikkoreġi u jemenda r-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-eżenzjonijiet mill-kaxxa tal-barbun tat-tbajja'

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument C(2022) 1698 final.

Mehmuż: C(2022) 1698 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.3.2022
C(2022) 1698 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 23.3.2022

li jikkoreġi u jemenda r-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-eżenzjonijiet mill-kaxxa tal-barbun tat-tbajja'

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Ir-Regolament (UE) 2019/1241¹ daħal fis-seħħ fl-14 ta' Awwissu 2019. Dan jistabbilixxi l-qafas ta' miżuri tekniċi li jenħtiegħ li jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS) li s-sajd isir f'livelli ta' rendiment massimu sostenibbli, li jonqsu l-qabdiet mhux mixtieqa u li jiġi eliminat l-iskartar tal-ħut, kif ukoll li jikkontribwixxu biex jinkiseb status ambjentali tajjeb kif stabbilit fid-Direttiva 2008/56/KE² tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Jenħtiegħ li tali miżuri tekniċi jikkontribwixxu għall-protezzjoni tal-frieħ u tal-ġlejjeb ta' speċijiet tal-baħar permezz tal-użu ta' rkaptu selettiv. L-Anness V ta' dan ir-Regolament jistabbilixxi miżuri tekniċi reġjonali għall-Baħar tat-Tramuntana.

L-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013³ (ir-Regolament Bażiku) jipprevedi li l-Istati Membri li jkollhom interess ta' ġestjoni dirett jistgħu jippreżentaw rakkomandazzjonijiet konġunti (RK) biex jilħqu l-oġġettivi tal-miżuri ta' konservazzjoni rilevanti tal-Unjoni, tal-pjanijiet pluriennali jew tal-pjanijiet speċifiċi għall-iskartar tal-ħut. Meta jaqblu fuq RK, l-Istati Membri jistgħu jipproponu lill-Kummissjoni biex tadottaha permezz ta' att delegat.

L-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) 2019/1241 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati sabiex temenda, tissupplimenta, tħassar jew tidderoga mill-miżuri tekniċi stabbiliti fl-Annessi, bl-għan li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet reġjonali tas-sajd rilevanti. Il-Kummissjoni tadotta tali atti delegati abbażi tar-RK ippreżentati mill-Istati Membri.

F'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 u mal-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) 2019/1241, l-att delegat propost huwa bbażat fuq RK żviluppata u ppreżentata lill-Kummissjoni mill-Istati Membri kkonċernati, jiġifieri l-Belġju, id-Danimarka, il-Ġermanja, Franza, in-Netherlands u l-Iżvezja ("il-Grupp ta' Scheveningen"), li għandhom interess ta' ġestjoni dirett fis-sajd rilevanti.

F'konformità mal-Artikolu 15(6) tar-Regolament (UE) 2019/1241, ir-RK ġiet ivvalutata fuq talba tal-Kummissjoni mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF).

Ir-RK ġiet trasposta fil-leġiżlazzjoni tal-UE permezz tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1160⁴. Madankollu, minn dak iż-żmien 'l hawn sar ċar li l-formulazzjoni ta' waħda mid-dispożizzjonijiet korrispondenti ma tirriflettix b'mod adegwat l-intenzjoni tal-Grupp ta' Scheveningen kif espressa fir-RK ippreżentata, u li abbażi tagħha l-STECF ivvaluta r-RK. Din id-dispożizzjoni tikkonċerna bastimenti li għandhom il-permess li

¹ Ir-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni ta' ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1224/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru 1380/2013, (UE) 2016/1139, (UE) 2018/973, (UE) 2019/472 u (UE) 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 894/97, (KE) Nru 850/98, (KE) Nru 2549/2000, (KE) Nru 254/2002, (KE) Nru 812/2004 u (KE) Nru 2187/2005 (ĠU L 198, 25.07.2019, p. 105).

² Id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika tal-Ambjent Marin (Id-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina) (ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19).

³ Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

⁴ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1160 tat-12 ta' Mejju 2021 li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kaxxa tal-laċċ ikħal u l-kaxxa tal-barbun tat-tbajja' fil-Baħar tat-Tramuntana (ĠU L 250, 15.07.2021, p. 4).

jistadu fiż-żona magħluqa biex tipproteġi l-frieħ tal-barbun tat-tbajja' fis-subżona 4 tal-ICES (il-“kaxxa tal-barbun tat-tbajja”), u tirreferi għat-“tartarun Daniż”. Id-definizzjoni ta’ “tartarun Daniż” inkluża fl-Artikolu 6(18) tar-Regolament (UE) 2019/1241 tkopri kemm it-tartaruni Daniżi kif ukoll it-tartaruni Skoċċiżi (“flyshooters”), li, għalkemm għandhom l-istess karatteristiċi u jużaw l-istess irkaptu, joperaw b’mod differenti. Il-Grupp ta’ Scheveningen ried jagħti permess biss lill-bastimenti li jużaw it-tartaruni Daniżi u li jerfgħu l-irkaptu tas-sajd waqt li l-bastiment ikun ankrat (tartaruni Daniżi ankrati). B’riżultat ta’ dan, filwaqt li l-Grupp ta’ Scheveningen talab li tiddaħħal mill-ġdid eżenzjoni limitata għat-tartaruni Daniżi ankrati li kienet teżisti skont ir-Regolament (KE) Nru 850/98⁵ li tħassar, u l-STEFCF ivvaluta dik it-talba, ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1160 li rriżulta jwessa’ l-eżenzjoni billi potenzjalment jiftaħha għat-tartaruni Skoċċiżi (“flyshooters”).

Għalhekk, dan ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni jfittex li jemenda d-dispożizzjoni korrispondenti biex iġibha konformi mal-intenzjoni tal-Istati Membri u mal-valutazzjoni tal-STEFCF.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Għall-fini tal-implimentazzjoni tal-approċċ reġjonalizzat, l-Istati Membri tal-Baħar tat-Tramuntana li jkollhom interess ta’ ġestjoni dirett qablu fuq RK rigward il-kaxxa tal-barbun tat-tbajja’. Il-President tal-grupp reġjonali tal-Istati Membri tal-Baħar tat-Tramuntana (“il-Grupp ta’ Scheveningen”) ippreżenta r-RK rigward il-kaxxa tal-barbun tat-tbajja’ lill-Kummissjoni fid-19 ta’ Ottubru 2020, u talab li tiġi emendata d-dispożizzjoni rilevanti tar-Regolament (UE) 2019/1241.

Il-Kunsill Konsultattiv tal-Baħar tat-Tramuntana (NSAC) u l-Kunsill Konsultattiv tal-Istokkijiet Pelaġiċi (PELAC) ġew mistiedna jikkooperaw mill-qrib mal-Grupp ta’ Scheveningen u ġew mistiedna jattendu, parzjalment, għal-laqgħat tal-Grupp ta’ Livell Għoli u tal-grupp tekniku ta’ Scheveningen. Abbozz tar-RK intbagħat lill-NSAC għal konsultazzjoni.

3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-ATT DELEGAT

Sommarju tal-azzjoni proposta

L-azzjoni legali ewlenija hi li jiġu mmodifikati d-dispożizzjonijiet attwali li huma stabbiliti fl-Anness V tar-Regolament (UE) 2019/1241. B’mod partikolari, dan l-att jemenda l-eżenzjoni li tippermetti lill-bastimenti li jużaw it-tartaruni Daniżi jaċċessaw il-kaxxa tal-barbun tat-tbajja’. Il-bidla proposta tiċċara li l-eżenzjoni tapplika biss għat-tartaruni Daniżi u teskludi t-tartaruni Skoċċiżi/flyshooters. Dan huwa konformi mal-intenzjonijiet tal-Istati Membri kif espressi fir-RK u appoġġati mill-valutazzjoni sussegwenti tal-STEFCF.

Bażi ġuridika

L-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) 2019/1241. Il-proposta fir-RK għandha l-għan li temenda l-Anness V tar-Regolament (UE) 2019/1241.

⁵ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 850/98 tat-30 ta’ Marzu 1998 dwar il-konservazzjoni ta’ riżorsi tas-sajd permezz ta’ miżuri tekniċi għall-protezzjoni ta’ żgħar ta’ organiżmi tal-baħar (ĠU L 125, 27.4.1998, p. 1), li ma għadux fis-seħħ.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 23.3.2022

li jikkoreġi u jemenda r-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-eżenzjonijiet mill-kaxxa tal-barbun tat-tbajja'

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni ta' ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1224/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru 1380/2013, (UE) 2016/1139, (UE) 2018/973, (UE) 2019/472 u (UE) Nru 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 894/97, (KE) Nru 850/98, (KE) Nru 2549/2000, (KE) Nru 254/2002, (KE) Nru 812/2004 u (KE) Nru 2187/2005¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2019/1241 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni ta' ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi fih żball fil-Parti C tal-Anness V li jrid jiġi kkoreġut.
- (2) Filwaqt li l-premessa 5 tar-Regolament Delegat (UE) 2021/1160² tirreferi għal "tartaruni Daniżi ankrati", id-dispożizzjoni korrispondenti fl-anness tirreferi għat-"tartaruni Daniżi" biss. Peress li l-Artikolu 6(18) tar-Regolament (UE) 2019/1241 ma jagħmilx distinzjoni bejn it-tartaruni Daniżi u t-tartaruni Skoċċiżi/"flyshooters", id-dispożizzjoni fl-Anness V kif inhi tista' għalhekk tinqara bħala li tapplika b'mod skorrett kemm għat-tartaruni Daniżi ankrati kif ukoll għat-tartaruni Skoċċiżi.
- (3) Ir-Regolament Delegat (UE) 2021/1160 huwa bbażat fuq rakkomandazzjoni konġunta ppreżentata fid-19 ta' Ottubru 2020 mill-Belġju, mid-Danimarka, mill-Ġermanja, minn Franza, min-Netherlands u mill-Iżvezja (il-Grupp ta' Scheveningen), li għandhom interess ta' ġestjoni dirett fis-sajd fil-Baħar tat-Tramuntana. It-Taqsima 3.1.2 tar-rakkomandazzjoni konġunta speċifikament għamlet distinzjoni bejn it-tartarun Daniż li jerfa' l-irkaptu tas-sajd waqt li l-bastiment ikun ankrat (sajd b'tartarun ankrat) u t-tartarun Skoċċiż, u dan jikkonferma li l-Istati Membri kellhom l-intenzjoni li l-eżenzjoni mitluba tapplika biss għat-tartaruni Daniżi ankrati.

¹ Ir-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni ta' ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1224/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru 1380/2013, (UE) 2016/1139, (UE) 2018/973, (UE) 2019/472 u (UE) 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 894/97, (KE) Nru 850/98, (KE) Nru 2549/2000, (KE) Nru 254/2002, (KE) Nru 812/2004 u (KE) Nru 2187/2005 (ĠU L 198, 25.07.2019, p. 105).

² Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1160 tat-12 ta' Mejju 2021 li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kaxxa tal-laċċ ikħal u l-kaxxa tal-barbun tat-tbajja' fil-Baħar tat-Tramuntana (ĠU L 250, 15.07.2021, p. 4).

- (4) Il-valutazzjoni tal-STEFCF, li kkonkludiet li mhux mistenni li l-introduzzjoni tal-eżenzjoni speċifika għat-tartaruni Daniżi jkollha xi effett sinifikanti fuq il-livell ta' protezzjoni fiż-żona, irreferiet biss għat-“tartarun Daniż ankrat” (kodiċi tal-irkaptu SDN³) u mhux għat-tartaruni “Skoċċiżi” jew flyshooter/flydragger seines (kodiċi tal-irkaptu SSC⁴).
- (5) Għalhekk, jenħtiegħ li l-Anness V tar-Regolament (UE) 2019/1241 jiġi kkoregħut biex jiċċara li l-eżenzjoni proposta tapplika biss għal dawk it-tartaruni Daniżi li jerfgħu l-irkaptu tas-sajd waqt li l-bastiment ikun ankrat (tartarun Daniż ankrat (kodiċi tal-irkaptu SDN)).
- (6) Peress li l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament għandhom impatt dirett fuq l-ippjanar tal-istaġun tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni u fuq l-attivitajiet ekonomiċi relatati, jenħtiegħ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ minnufih wara l-pubblikazzjoni tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) 2019/1241 huwa kkoregħut f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 23.3.2022

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN

³ L-Anness XI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011 tat-8 ta' April 2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd (ĠU L 112, 30.04.2011, p. 64).

⁴ L-Anness XI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011 tat-8 ta' April 2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd (ĠU L 112, 30.04.2011, p. 64).